

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ottubru 2018 – De Longhi Benelux vs EUIPO (COOKING CHEF GOURMET)**

(Kawża T-697/17) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea COOKING CHEF GOURMET — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”**

(2018/C 427/81)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: De Longhi Benelux SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: M. Arnott, A. Nicholls, solicitors, u G. Hollingworth, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Bonne, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Lulju 2017 (Każ R 231/2017-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali COOKING CHEF GOURMET bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) De Longhi Benelux hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 5, 8.1.2018.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Ntolas vs EUIPO – General Nutrition Investment (GN Laboratories)**

(Kawża T-712/17) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali GN Laboratories — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti GNC — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”**

(2018/C 427/82)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Christos Ntolas (Wuppertal, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Renger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: P. Sipos u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: General Nutrition Investment Co. (Wilmington, Delaware, Arizona, l-Istati Uniti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Lulju 2017 (Każ R 2358/2016-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn General Nutrition Investment u C. Ntolas.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Christos Ntolas huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 437, 18.12.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Lincoln Global vs EUIPO (FLEXCUT)**

(Kawża T-736/17) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali FLEXCUT — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”]**

(2018/C 427/83)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Lincoln Global, Inc. (Santa Fe Springs, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: K. Piepenbrink, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: J. Ivanauskas u D. Walicka, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Awwissu 2017 (Każ R 2225/2016-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali FLEXCUT bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Lincoln Global, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 13, 15.1.2018.